

Brussell, 18 ta' Settembru 2018
(OR. en)

11508/18

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0413(COD)

CODEC 1347
UD 173
ECOFIN 770
CRIMORG 109
DROIPEN 112
EF 218
ENFOCUSTOM 170
PE 104

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deġlin fl-Unjoni jew heġġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 – Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu 10-13 ta' Settembru 2018)

I. INTRODUEZZJONI

F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 294 TFUE u d-dikjarazzjoni konġunta dwar arranġamenti prattiċi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni¹, saru għadd ta' kuntatti informali bejn il-Kunsill, il-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni bil-għan li jintlaħaq qbil dwar dan id-dossier fl-ewwel qari, u b'hekk tiġi evitata l-ħtieġa għat-tieni qari u l-konċiljazzjoni.

¹ ĠU C 145, 30.6.2007, p. 5

F'dan il-kuntest, il-korapporteurs Juan Fernando LÓPEZ AGUILAR (S&D, ES) u Mady DELVAUX (S&D, LU) ippreżentaw emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 96) għall-proposta għal Regolament, fisem il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (DELVAUX), u l-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LÓPEZ AGUILAR). Din l-emenda kien intlaħaq qbil dwarha matul il-kuntatti informali msemmija hawn fuq.

II. VOTAZZJONI

Meta vvotat fit-12 ta' Settembru 2018, il-plenarja adottat emenda ta' kompromess waħda (l-emenda 96) għall-proposta għal Regolament. Il-proposta tal-Kummissjoni hekk emendata tikkostitwixxi l-pożizzjoni tal-Parlament fl-ewwel qari, li tinsab fir-risoluzzjoni legiſlattiva tiegħu kif tinsab fl-Anness hawnhekk².

Il-pożizzjoni tal-Parlament tirrifletti dak li kien intlaħaq qbil dwaru preċedentement bejn l-istituzzjonijiet. Il-Kunsill għandu għalhekk ikun f'pożizzjoni li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament.

L-att imbagħad jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi mal-pożizzjoni tal-Parlament.

² Il-verżjoni tal-pożizzjoni tal-Parlament fir-risoluzzjoni legiſlattiva ġiet immarkata biex tindika l-bidliet li saru bl-emendi għall-proposta tal-Kummissjoni. Iż-żidiet mat-test tal-Kummissjoni huma enfasizzati b'*tipa grassa u bil-korsiv*. Is-simbolu "■" jindika test imħassar.

Kontrolli fir-rigward tal-flus deħlin u ħerġin mill-Unjoni *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2018 dwar il-proposta tal-Kummissjoni għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-flus deħlin jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 (COM(2016)0825 – C8-0001/2017 – 2016/0413(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2016)0825),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikoli 33 u 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0001/2017),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-kontributi ppreżentati mil-Kamra tad-Deputati Ċeka, u mill-Qrati Ġenerali Spanjoli dwar l-abbozz ta' att leġislattiv,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Soċjali u Ekonomiku Ewropew tas-27 ta' April 2017³,
 - wara li kkonsulta mal-Komitat tar-Reġjuni,
 - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitati responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tas-27 ta' Ġunju 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament fit-tieni qari, skont l-Artikolu 294(4)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra d-deliberazzjonijiet konġunti tal-Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji kif ukoll tal-Komitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern skont l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji u l-Komitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0394/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

³ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 22.

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-12 ta' Settembru 2018 bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2018/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 33 u 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew⁴ ,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Reġjuni ,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja⁵,

Billi:

⁴ ĠU C 246, 28.7.2017, p. 22

⁵ Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Settembru 2018.

- (1) Il-promozzjoni tal-iżvilupp armonjuż, sostenibbli u inklużiv tas-suq intern bħala żona fejn l-oġġetti, il-persuni, is-servizzi u l-kapital jistgħu jiċċirkolaw b'mod liberu u sikur hija waħda mill-prijoritajiet tal-Unjoni.
- (2) L-introduzzjoni mill-ġdid ta' rikavati illeċiti fl-ekonomija u d-devjazzjoni tal-flus għall-finanzjament ta' attivitajiet illeċiti jolqu distorsjonijiet u żvantaġġi kompetittivi inġusti għaċ-ċittadini u l-kumpaniji li josservaw il-liġi, u huma għalhekk theddida għall-funzjonament tas-suq intern. Barra minn hekk, dawk il-prattiki jħeġġu attivitajiet kriminali u terroristiċi li jipperikolaw is-sigurtà taċ-ċittadini tal-Unjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni ħadet azzjoni biex tipproteġi lilha nnifisha.

- (3) Wieħed mill-pilastri ewlenin tal-azzjoni meħuda mill-Unjoni kienet id-Direttiva 91/308/KEE⁶, li stabbilixxiet sensiela ta' miżuri u obbligi fuq istituzzjonijiet finanzjarji, persuni ġuridiċi u ċerti professjonijiet fir-rigward, fost l-oħrajn, tat-trasparenza u ż-żamma ta' rekords, kif ukoll ta' dispożizzjonijiet dwar l-għarfien dwar il-klijent, u li stabbilixxiet l-obbligu li jirrapportaw tranżazzjonijiet suspettużi lill-Unitajiet tal-Intelligence Finanzjarja (FIUs, *Financial Intelligence Units*) nazzjonali. L-FIUs ġew stabbiliti bħala ċentri għall-valutazzjoni ta' tali tranżazzjonijiet, jinteraġixxu mal-kontropartijiet tagħhom f'pajjiżi oħra u, fejn meħtieġ, jikkuntattjaw lill-awtoritajiet ġudizzjarji. Minn dak iż-żmien, id-Direttiva 91/308/KEE ġiet emendata u sostitwita minn miżuri suċċessivi. Bħalissa, id-dispożizzjonijiet għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus huma stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁷.

⁶ Direttiva tal-Kunsill 91/308/KEE tal-10 ta' Ġunju 1991 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għal l-iskop tal-ħasil tal-flus (ĠU L 166, 28.6.1991, p. 77).

⁷ Direttiva (UE) 2015/849 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE (ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73).

- (4) Fid-dawl tar-riskju li l-applikazzjoni tad-Direttiva 91/308/KEE twassal għal żieda fil-movimenti tal-flus kontanti għal finijiet illeċiti, li jistgħu joħolqu theddida għas-sistema finanzjarja u għas-suq intern, dik id-Direttiva ġiet ikkumplimentata bir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁸. Dak ir-Regolament għandu l-għan li jipprevjeni u jidentifika l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu billi jistabbilixxi sistema ta' kontrolli applikabbli għall-persuni fiżiċi deħlin ***fl-Unjoni*** jew heġgin mill-Unjoni filwaqt li jgħorru ammonti ta' flus kontanti jew strumenti negozjabbli għall-portatur ta' EUR 10 000 jew aktar, jew l-ekwivalenti tiegħu f'muniti oħra. ***Jenħtieġ li t-terminu "deħlin fl-Unjoni jew heġgin mill-Unjoni" jiġi definit b'referenza għat-territorju tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 355 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikollu l-aktar kamp ta' applikazzjoni wiesa' possibbli u li l-ebda żona ma tiġi eżentata mill-applikazzjoni tiegħu u tippreżenta opportunitajiet sabiex jiġu evitati l-kontrolli applikabbli.***
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 implimenta fil-Komunità l-istandards internazzjonali dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu żviluppati mit-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF).

⁸ Regolament (KE) Nru 1889/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar il-kontrolli ta' flus kontanti deħlin fil-Komunità jew heġgin mill-Komunità (ĠU L 309, 25.11.2005, p. 9).

- (6) Il-FATF, stabbilit fis-summit tal-G7 li sar f'Pariġi fl-1989, huwa korp intergovernattiv li jistabbilixxi standards u jipromwovi l-implimentazzjoni effettiva ta' miżuri legali, regolatorji u operazzjonali għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus, il-finanzjament tat-terroriżmu u perikli oħra relatati mal-integrità tas-sistema finanzjarja internazzjonali. Diversi Stati Membri huma membri tal-FATF jew huma rrappreżentati fl-FATF permezz ta' korpi reġjonali. L-Unjoni hija rrappreżentata fl-FATF mill-Kummissjoni u impenjat ruħha li timplimenta b'mod effettiv ir-rakkomandazzjonijiet tal-FATF. Ir-Rakkomandazzjoni 32 tal-FATF dwar il-kurriera li jwasslu l-flus kontanti tispeċifika li jenħtieġ li jkunu stabbiliti miżuri fis-seħħ rigward il-kontrolli adegwati fuq movimenti transfruntiera ta' flus kontanti.
- (7) Id-Direttiva (UE) 2015/849 tidentifika u tiddeskrivi għadd ta' attivitajiet kriminali li r-rikavat tagħhom jista' jkun suġġett għall-ħasil tal-flus jew jista' jintuża għall-finanzjament tat-terroriżmu. Ħafna drabi t-trasport tar-rikavat ta' daww l-attivitajiet kriminali jaqsam il-fruntieri esterni tal-Unjoni biex jinħasel jew jintuża għall-finanzjament tat-terroriżmu. Jenħtieġ li dan ir-Regolament iqis dak il-fatt u jistabbilixxi sistema ta' regoli li, minbarra li jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus, u speċjalment ***reati presupposti bħal reati fiskali kif definiti fil-liġi nazzjonali***, u l-finanzjament tat-terroriżmu bħala tali, jiffaċilitaw il-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-investigazzjoni tal-attivitajiet kriminali definiti fid-Direttiva (UE) 2015/849.

- (8) Saru avvanzi fir-rigward tal-għarfien dwar il-mekkaniżmi li jintużaw għat-trasferiment ta' valur akkwistat illeċitament li jaqsam il-fruntieri. Bħala riżultat, ġew aġġornati r-Rakkomandazzjonijiet tal-FATF, ġie introdott mid-Direttiva (UE) 2015/849 tibdil fil-qafas legali tal-Unjoni u ġew żviluppati l-aħjar Prattiki ġodda. Fid-dawl ta' dawk l-iżviluppi u abbażi tal-evalwazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005. Madankollu, minħabba n-natura estensiva tal-emendi meħtieġa, jenħtieġ li r-Regolament (KE) Nru 1889/2005 jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.
- (9) Dan ir-Regolament ma jaffettwax il-kapaċità tal-Istati Membri li jipprevedu, **taħt il-liġi nazzjonali tagħhom**, kontrolli nazzjonali addizzjonali fuq movimenti tal-flus kontanti fl-Unjoni, sakemm dawk il-kontrolli jkunu jikkonformaw mal-Artikoli 63 u 65 tat-TFUE.

- (10) ***Ġabra ta' regoli fil-livell tal-Unjoni li jippermettu kontrolli komparabbli fuq flus kontanti fl-Unjoni tkun tiffaċilita ħafna l-isforzi għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.***
- (11) Dan ir-Regolament ma jikkonċernax il-miżuri li jieħdu l-Unjoni jew l-Istati Membri taħt l-Artikolu 66 tat-TFUE li jillimitaw il-movimenti tal-kapital li jikkawżaw, jew jheddu li jikkawżaw, diffikultajiet serji għat-tħaddim tal-unjoni ekonomika u monetarja jew taħt l-Artikoli 143 u 144 tat-TFUE bħala riżultat ta' kriżi li tinqala' f'daqqa fil-bilanċ tal-pagamenti.
- (12) Fid-dawl tal-preżenza tagħhom fil-fruntieri esterni tal-Unjoni, l-għarfien espert tagħhom fit-twettiq ta' kontrolli fuq il-passiġġieri u l-merkanzija li jaqsmu l-fruntieri esterni u l-esperjenza tagħhom miksuba fl-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005, jenħtieġ li l-awtoritajiet doganali jkomplu jaġixxu bħala l-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Fl-istess ħin, l-Istati Membri għandhom jibqgħu jkunu jistgħu jagħżlu awtoritajiet nazzjonali oħra preżenti fil-fruntieri esterni biex jaġixxu bħala awtoritajiet kompetenti. Jenħtieġ li l-Istati Membri jibqgħu ***jipprovdu taħriġ adegwat għall-persunal tal-awtoritajiet doganali u l-awtoritajiet nazzjonali l-oħra*** għat-twettiq ta' ***dawk il-kontrolli, inklużi dawk kontra l-ħasil tal-flus ibbażat fuq il-flus kontanti.***

- (13) Wieħed mill-kunċetti ewlenin użati f'dan ir-Regolament huwa dak tal-"flus kontanti", li jenħtiegħ li jiġi ddefinit li jinkludi erba' kategoriji: muniti, strumenti negozjabbli għall-portatur, komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur u ċerti tipi ta' kards bi ħlas antiċipat. Minħabba l-karatteristiċi tagħhom, ċerti strumenti negozjabbli għall-portatur, jew komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur, u kards bi ħlas antiċipat li ma jkunux marbutin ma' kont bankarju ***u li jistgħu jaħżnu ammont ta' flus li diffiċli jiġi identifikat*** x'aktarx li jintużaw flok munita bħala mezz anonimu ta' trasferiment ta' valur minn naħa għal oħra tal-fruntieri esterni b'mod li ma jistax jiġi ntraċċat mill-awtoritajiet pubbliċi bis-sistema klassika ta' sorveljanza. ***Għalhekk*** jenħtiegħ li dan ir-Regolament jistabbilixxi l-komponenti essenzjali tad-definizzjoni ta' "flus kontanti" filwaqt li fl-istess ħin jippermetti lill-Kummissjoni temenda l-komponenti mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament bħala reazzjoni għall-attentati minn persuni kriminali u minn dawk assoċjati magħhom biex jevitaw miżura li tikkontrolla tip wieħed biss ta' ħażna likwida ħafna ta' valur billi jgħibu tip ieħor min-naħa għal oħra tal-fruntieri esterni. Jekk tiġi identifikata evidenza ta' tali mgħiba fuq skala konsiderevoli, huwa essenzjali li jittieħdu miżuri malajr biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. ***Minkejja l-livell għoli ta' riskju li jippreżentaw il-muniti virtwali, kif evidenzjat fir-rapport tal-Kummissjoni tas-26 ta' Ġunju 2017 dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jaffettwaw is-suq intern u li huma relatati ma' attivitajiet transfruntiera, l-awtoritajiet doganali ma għandhomx il-kompetenza biex jimmonitorjawhom.***

- (14) L-istrumenti negozjabbli għall-portatur jippermettu li d-detentur fiżiku tagħhom jitlob pagament ta' ammont finanzjarju mingħajr ma jkun irreġistrat jew imsemmi b'ismu. Dawn jistgħu faċilment jintużaw biex jiġu ttrasferiti ammonti ta' valur kbar u għandhom ħafna similaritajiet mal-muniti f'termini ta' likwidità, anonimità u riskji ta' abbuż.
- (15) Il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur jirrappreżentaw proporzjon kbir bejn il-valur u l-volum tagħhom, li għalihom jeżisti suq kummerċjali internazzjonali li jista' jiġi aċċessat faċilment, li jippermettilhom jiġu kkonveriti f'munita filwaqt li jġarrbu biss spejjeż tat-tranżazzjoni żgħar. Tali komoditajiet, fil-parti l-kbira tagħhom, jiġu ppreżentati b'mod standardizzat li jippermetti verifika rapida tal-valur tagħhom.

- (16) Il-kards bi ħlas antiċipat huma kards mhux nominattivi li jaħżnu ***jew jagħtu aċċess għal*** valur monetarju jew fondi li jistgħu jintużaw fi tranżazzjonijiet ta' ħlas, fl-akkwist ta' oġġetti jew servizzi jew għat-tifdija ta' muniti. Ma għandhomx rabta ma' kont bankarju. ***Il-kards bi ħlas antiċipat jinkludu l-kards anonimi bi ħlas antiċipat imsemmija fid-Direttiva (UE) 2015/849.*** Dawn jintużaw ħafna għal diversi skopijiet leġittimi u xi wħud minn dawk l-istrumenti jippreżentaw ukoll interess soċjali ċar. Tali kards bi ħlas antiċipat huma faċilment trasferibbli u jistgħu jintużaw faċilment biex jinġarru valuri kbar minn naħa għal oħra tal-fruntieri esterni. Għaldaqstant jenħtieġ li l-kards bi ħlas antiċipat jiġu inklużi fid-definizzjoni ta' flus kontanti, ***b'mod partikolari jekk dawn jistgħu jinxtraw mingħajr proċeduri ta' diliġenza dovuta tal-klijent.*** Dan ikun jippermetti li l-kontrolli jiġu estiżi għal ċerti tipi ta' kards bi ħlas antiċipat, ***b'kont meħud tat-teknoloġija disponibbli,*** jekk ikun ġustifikat mill-evidenza, sakemm tali kontrolli jiġu estiżi b'kont meħud tal-proporzjonalità u l-infurzabbiltà fil-prattika.

- (17) Għall-prevenzjoni tal-ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, jenħtieġ li jiġi impost l-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti fuq il-persuni fiżiċi deħlin **fl-Unjoni** jew heġin mill-Unjoni. Biex ma jiġix limitat il-moviment liberu mingħajr raġuni valida jew biex ċittadini u awtoritajiet ma jitgħabbewx iżżejjed b'formalitajiet amministrattivi, jenħtieġ li l-obbligu ta' dikjarazzjoni jiġi suġġett għal-livell limitu ta' EUR 10 000. Dan jenħtieġ li japplika għal portaturi li jgħorru tali ammonti fuqhom stess, fil-bagalji tagħhom jew fil-mezzi ta' trasport li fihom jaqsmu l-fruntieri esterni. Jenħtieġ li huma jkunu obbligati jkiegħdu l-flus kontanti għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti għal finijiet ta' kontroll **u, jekk ikun hemm bżonn, jippreżentawhom** lil dawk l-awtoritajiet kompetenti. **Jenħtieġ li d-definizzjoni ta' "portatur" tinftiehem li teskludi dawk il-portaturi li jwettqu t-trasport professjonali ta' beni jew ta' persuni.**

- (18) Fir-rigward ta' movimenti ta' flus kontanti li ma jkunux akkumpanjati, pereżempju flus kontanti deħlin **fl-Unjoni** jew heġin mill-Unjoni f'pakketti postali, konsenji bil-kurier, bagalji mhux akkumpanjati jew merkanzija fil-kontejners, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jitolbu lill-ispeditur jew lir-riċevitur, jew lir-rappreżentant tagħhom, biex jagħmlu dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni, **sistematikament jew każ b'każ, skont il-proċeduri nazzjonali**. Jenħtieġ li tali divulgazzjoni tkopri għadd ta' elementi, li ma jkunux koperti mid-dokumentazzjoni tas-soltu ppreżentata lid-dwana, bħal dokumenti tal-konsenja u dikjarazzjonijiet doganali. Tali elementi huma l-orijini, id-destinazzjoni, il-provenjenza ekonomika u l-użu intenzjonat tal-flus kontanti. L-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti li ma jkunux akkumpanjati jenħtieġ li jkun suġġett għal livell limitu identiku għal dak tal-flus kontanti li jinġarru minn portaturi.

- (19) Jenħtieġ li jiġu rreġistrati, sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament, għadd ta' elementi tad-data standardizzati rigward il-moviment tal-flus kontanti, bħad-dettalji personali ***tad-dikjarant***, tas-sid ***jew*** tar-riċevitur, il-provenjenza ekonomika u l-użu intenzjonat tal-flus kontanti. ***B'mod partikolari, hemm bżonn li d-dikjarant, is-sid jew ir-riċevitur jipprovdu d-dettalji personali tagħhom kif jinsabu fid-dokumenti ta' identifikazzjoni tagħhom, sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun ir-riskju ta' żbalji fir-rigward tal-identitajiet tagħhom u d-dewmien minħabba l-possibbiltà li sussegwentement ikun hemm bżonn issir verifika.***
- (20) Fir-rigward tal-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati u l-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti li ma jkunux akkumpanjati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħa li jwettqu l-kontrolli kollha meħtieġa fuq il-persuna tagħhom, il-bagalja tagħhom, il-mezz tat-trasport użat biex jaqsmu l-fruntieri esterni u kwalunkwe konsenja mhux akkumpanjata jew reċipjent li jaqsam dik il-fruntiera li jista' jkun fihom flus kontanti, jew mezz tat-trasport li jgħorrhom. Fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dawk l-obbligi, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jfasslu dikjarazzjoni *ex officio* għat-trażmissjoni sussegwenti tal-informazzjoni rilevanti lil awtoritajiet oħrajn.
- (21) ***Sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni uniformi tagħhom mill-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li l-kontrolli primarjament ikunu bbażati fuq analiżi tar-riskju, bil-għan li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u li jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa.***
- (22) ***Jenħtieġ li l-ħolqien ta' qafas komuni ta' ġestjoni tar-riskju ma jimpedixxix lill-awtoritajiet kompetenti milli jwettqu verifiki każwali jew kontrolli spontanji kull meta jħossu li dan ikun meħtieġ.***

- (23) Fejn jidentifikaw ammonti ta' flus kontanti taħt il-livell limitu iżda jkun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti għandhom mnejn ikunu marbuta ma' attività kriminali, kif koperti minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreġistraw, *f'każ ta' flus kontanti akkumpanjati, informazzjoni dwar il-portatur, is-sid u, fejn tkun disponibbli, dwar ir-riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, dettalji dwar in-natura u l-ammont jew il-valur tal-flus kontanti, il-provenjenza ekonomika u l-użu intenzjonat tagħhom.*
- (24) *F'każ ta' flus kontanti mhux akkumpanjati, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreġistraw informazzjoni dwar id-dikjarant, is-sid, l-ispeditur, u r-riċevitur jew ir-riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, dettalji dwar in-natura u l-ammont jew il-valur tal-flus kontanti, il-provenjenza ekonomika u l-użu intenzjonat tagħhom.*

- (25) Jenħtieġ li dik l-informazzjoni tintbagħat lill-FIU tal-Istat Membru inkwistjoni, **li min-naħa tiegħu jenħtieġ li jiżgura li l-FIU tittrażmetti kwalunkwe informazzjoni rilevanti spontanjament jew fuq talba lill-FIU tal-Istati Membri l-oħra.** Dawk l-unitajiet huma indikati bħala l-elementi ċentrali fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu li jirċievu u jipproċessaw l-informazzjoni minn diversi sorsi bħal istituzzjonijiet finanzjarji u janalizzaw dik l-informazzjoni biex jiddeterminaw jekk hemmx raġunijiet għal aktar investigazzjoni li jistgħu ma jkunux evidenti għall-awtoritajiet kompetenti li jiġbru d-dikjarazzjonijiet tal-kontroll u jwettqu l-kontrolli skont dan ir-Regolament. **Biex ikun garantit li l-fluss ta' informazzjoni jkun effettiv, jenħtieġ li l-FIUs jkunu lkoll konnessi mas-Sistema ta' Informazzjoni Doganali (is-'CIS', Customs Information System) stabbilita mir-Regolament tal-Kunsil (KE) Nru 515/97⁹ u li d-data ġġenerata jew skambjata mill-awtoritajiet kompetenti u l-FIUs tkun kompatibbli u komparabbli.**

⁹ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 515/97 tat-13 ta' Marzu 1997 dwar għajjnuna reċiproka bejn l-awtoritajiet amministrattivi tal-Istati Membri u l-koperazzjoni bejn dawn tal-aħħar u l-Kummissjoni biex ikun assigurat l-applikar korrett tal-liġi dwar materji doganali u agrikoli (ĠU L 82, 22.3.1997, p. 1).**

- (26) *Fid-dawl tal-importanza li dan ir-Regolament ikollu segwitu tajjeb biex ikun hemm skambju effettiv ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet rilevanti, inklużi l-FIUs fil-qafas ġuridiku li jkopri dawk l-entitajiet, u l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-FIUs fl-Unjoni, jenħtieġ li, sal-1 ta' Ġunju 2019, il-Kummissjoni tivvaluta l-possibbiltà li jinħoloq mekkaniżmu komuni għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.*
- (27) L-identifikazzjoni ta' ammonti, taħt il-livell limitu, ta' flus kontanti f'sitwazzjonijiet fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' attività kriminali hija rilevanti ħafna f'dan il-kuntest. Għaldaqstant, jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tinqasam l-informazzjoni dwar ammonti taħt il-limitu mal-awtoritajiet kompetenti ta' Stati Membri oħra jekk ikun hemm xi indikazzjonijiet ta' attività kriminali.

(28) Minħabba li l-movimenti ta' flus kontanti li jiġu suġġetti għal kontrolli taħt dan ir-Regolament iseħħu minn naħa għal oħra tal-fruntieri esterni, u minħabba d-diffikultà li tittieħed azzjoni ladarba l-flus kontanti ikunu ħallew il-punt tad-dħul jew tal-ħruġ, kif ukoll ir-riskju assoċjat, jekk anki ammonti żgħar jintużaw b'mod illeċitu, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu, f'ċerti ċirkostanzi, iżommu l-flus kontanti temporanjament, suġġett għal verifiki u kunsiderazzjonijiet: l-ewwel, fejn l-obbligu ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti ma jkunx ġie ssodisfat u, it-tieni, fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' attività kriminali, irrispettivament mill-ammont ***jew minn jekk il-flus kontanti humiex akkumpanjati jew mhux akkumpanjati***. Minħabba n-natura ta' tali żamma ■ temporanja u l-impatt li jista' jkollha fuq il-libertà tal-moviment u fuq id-dritt tal-proprjetà, il-perjodu ta' żamma jenħtieġ li jiġi limitat għaż-żmien minimu assolut li jkollhom bżonn awtoritajiet kompetenti oħrajn biex jiddeterminaw jekk hemmx raġunijiet għal aktar interventi, bħal investigazzjonijiet jew sekwestru tal-flus kontanti abbażi ta' strumenti legali oħrajn.

Jenħtieġ li d-deċiżjoni li jinżammu flus kontanti temporanjament taħt dan ir-Regolament tkun akkumpanjata minn dikjarazzjoni tar-raġunijiet u tiddekrivi adegwatament il-fatturi speċifiċi li jkunu wasslu għall-azzjoni. Jenħtieġ li jkun possibbli li ***jiġi estiż il-perjodu ta' żamma temporanja tal-flus kontanti f'każijiet speċifiċi u debitament valutati, pereżempju meta l-awtoritajiet kompetenti jiltaqgħu ma' diffikultajiet biex jiksbu informazzjoni dwar il-possibbiltà ta' attività kriminali, fost l-oħrajn meta jkun hemm bżonn ta' komunikazzjoni ma' pajjiż terz, meta dokumenti jkunu jridu jiġu tradotti jew meta jkun diffiċli li jiġi identifikat u kkuntattjat l-ispeditur jew ir-riċevitur fil-każ ta' flus kontanti mhux akkumpanjati.*** Jekk fi tmiem il-perijodu ta' żamma, ma tkun ittieħdet ebda deċiżjoni dwar interventi oħra, jew jekk l-awtorità kompetenti tiddeċiedi li ma jeżistux raġunijiet biex ikompli jinżammu l-flus kontanti, jenħtieġ li dawn jiġu rilaxxati immedjatament, skont is-sitwazzjoni, ***lill-persuna li lilha nżammewlha temporanjament il-flus kontanti, il-portatur jew is-sid.***

- (29) ***Sabiex titqajjem kuxjenza dwar dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppaw materjal xieraq dwar l-obbligu li l-flus kontanti jiġu ddikjarati jew divulgati.***
- (30) Huwa essenzjali li l-awtoritajiet kompetenti li jiġbru l-informazzjoni skont dan ir-Regolament jittrażmettuha malajr lill-FIU biex din tkun tista' tkompli tanalizza u tqabbel ***l-informazzjoni*** ma' data oħra, kif previst fid-Direttiva (UE) 2015/849.

- (31) ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament***, fejn l-awtoritajiet kompetenti jirreġistraw in-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti jew fejn ikun hemm indikazzjonijiet ta' attività kriminali, jenħtieġ li huma jaqsmu dik l-informazzjoni ***minnufih*** ma' awtoritajiet kompetenti ***ta' Stati Membri oħrajn*** permezz ta' mezzi xierqa. Tali skambju ta' data jkun proporzjonat meta wieħed iqis li l-persuni li jkunu kisru l-obbligu tad-dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti u li jkunu nqabdu fi Stat Membru wieħed x'aktarx jagħżlu Stat Membru ieħor ta' dħul jew ta' ħruġ fejn l-awtoritajiet kompetenti ma jkollhom l-ebda għarfien dwar il-ksur li jkunu wettqu qabel. Jenħtieġ li l-iskambju ta' tali informazzjoni jsir obligatorju sabiex jiġi żgurat li dan ir-Regolament ikun applikat b'mod konsistenti fl-Istati Membri kollha. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu relatati ma' attività kriminali li tista' taffettwa ħażin l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, jenħtieġ li dik l-informazzjoni titqiegħed ukoll għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni, ***tal-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku Ewropew kif stabbilit mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 2017/1939¹⁰- mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa taħt dak ir-Regolament, u tal-Europol kif stabbilita mir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹***. Sabiex jintlaħqu l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ta' prevenzjoni u deterrenza fir-rigward tal-evazzjoni tal-obbligu ta' dikjarazzjoni jew divulgazzjoni ta' flus kontanti, jenħtieġ li jiġu skambjati wkoll b'mod obligatorju bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, informazzjoni anonimizzata dwar ir-riskju u riżultati tal-analiżi tar-riskju, ***skont standards li għandhom jiġu stabbiliti f'atti ta' implimentazzjoni adottati taħt dan ir-Regolament***.

¹⁰ Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/1939 tat-12 ta' Ottubru 2017 li jimplementa kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment tal-Uffiċċju tal-Prosektur Pubbliku Ewropew ("l-UPPE") (ĠU 283, 31.10.2017, p. 1).

¹¹ Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

- (32) Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi skambjata informazzjoni bejn awtorità kompetenti ta' Stat Membru jew il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' pajjiż terz sakemm ikun hemm salvagwardji xierqa. Jenħtieġ li tali skambju jkun permess biss fejn jitħarsu d-dispożizzjonijiet rilevanti nazzjonali u tal-Unjoni dwar id-drittijiet fundamentali u t-trasferiment tad-data personali, wara awtorizzazzjoni mill-awtoritajiet li jkunu kisbu l-informazzjoni *oriġinarjament*. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi infurmata b'kull *okkorrenza* ta' skambju ta' informazzjoni li jsir ma' pajjiżi terzi taħt dan ir-Regolament *u li hija tirrapporta dwarha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill*.

- (33) Minħabba n-natura tal-informazzjoni li tinġabar u l-aspettattivi leġittimi ***tal-portaturi u tad-dikjaranti li d-data personali tagħhom u l-informazzjoni rigward il-valur tal-flus kontanti li jkunu daħħlu fl-Unjoni jew haġġu mill-Unjoni jiġu ttrattati b'mod kunfidenzjali, l-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jipprovdu biżżejjed salvagwardji biex jiżguraw li l-aġenti li jitolbu aċċess għall-informazzjoni jirrispettaw is-segretezza professjonali, u jipproteġu tali informazzjoni tajjeb kontra l-aċċess, l-użu jew il-komunikazzjoni mhux awtorizzati. Sakemm mhux previst mod ieħor minn dan ir-Regolament jew mil-liġi nazzjonali, b'mod partikolari fil-kuntest ta' proċedimenti legali, jenħtieġ li tali informazzjoni ma tiġix divulgata mingħajr il-permess tal-awtorità li tkun kisbitha. ***Il-proċessar ta' data taħt dan ir-Regolament jista' jkopri wkoll data personali u jenħtieġ li jsir skont il-liġi tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jipproċessaw data personali b'mod biss li jkun kompatibbli mal-finijiet ta' dan ir-Regolament.*** Kull għbir, divulgazzjoni, trażmissjoni, komunikazzjoni u pproċessar ieħor tad-data personali fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġu li jkunu suġġetti għar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹² u ***tar-Regolament (UE) Nru 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***¹³. ***Jenħtieġ ukoll li l-ipproċessar ta' data personali għal finijiet ta' dan ir-Regolament jirrispetta d-dritt fundamentali għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja kif rikonoxxuti mill-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll id-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja, u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali kif rikonoxxuti, rispettivament, mill-Artikoli 7 u 8 tal-Karta dwar id-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-'Karta').******

¹² Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-data (ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1).

¹³ Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-movement liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

- (34) Għall-finijiet tal-analiżi li ssir mill-FIUs u biex l-awtoritajiet ta' Stati Membri oħra jkunu jistgħu jikkontrollaw u jinfurzaw l-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti, b'mod partikolari fir-rigward **ta' persuni** li jkunu diġà wettqu ksur kontra dak l-obbligu, jenħtieġ li d-data li tinsab fid-dikjarazzjonijiet magħmula taħt dan ir-Regolament tinħażen għal perjodu twil biżżejjed **■**. Biex ***l-FIU twettaq l-analiżi tagħhom b'mod effettiv u biex l-awtoritajiet kompetenti jikkontrollaw u b'mod effettiv jinfurzaw*** l-obbligu tad-dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti **■**, jenħtieġ li l-perjodu ta' żamma tad-data li tinsab fid-dikjarazzjonijiet magħmula taħt dan ir-Regolament ***ma jaqbiżx ħames snin bil-possibbiltà ta' estensjoni oħra, wara valutazzjoni bir-reqqa tan-neċessità u l-proporzjonalità ta' tali żamma ulterjuri, li jenħtieġ li ma taqbiżx tliet snin oħra.***

- (35) Sabiex tiġi inkoraġġita l-konformità u skoraġġita l-evazzjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jintroduċu penali għal nuqqas ta' konformità mal-obbligi ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti. Jenħtieġ li dawk il-penali japplikaw biss għan-nuqqas ta' dikjarazzjoni jew ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti skont dan ir-Regolament u ma jieħdux kont *tal-possibbiltà ta' attività kriminali* assoċjata mal-flus kontanti, li tista' tkun l-għan ta' investigazzjoni ulterjuri u miżuri li jaqgħu barra mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jenħtieġ li dawk il-penali jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi, u li ma jmorru lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex tiġi inkoraġġita l-konformità. ***Jenħtieġ li l-penali introdotti mill-Istati Membri jkollhom effett deterrenti ekwivalenti mal-Unjoni kollha fuq il-ksur ta' dan ir-Regolament.***
- (36) ***Filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri diġà jużaw formola ta' dikjarazzjoni armonizzata, l-EU Cash Declaration Form (EU-CDF), fuq bażi volontarja,*** biex tiġi żgurata applikazzjoni uniformi tal-kontrolli u l-ipproċessar, it-trażmissjoni u l-analiżi effettivi tad-dikjarazzjonijiet minn awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta mudelli għall-formola tad-dikjarazzjoni u għall-formola tad-divulgazzjoni, biex tiddetermina l-kriterji għal qafas komuni tal-ġestjoni tar-riskju, biex tistabbilixxi r-regoli tekniċi għall-iskambju tal-informazzjoni u l-mudell għall-formola li jkollha tintuża għat-trażmissjoni tal-informazzjoni, u biex tistabbilixxi r-regoli u l-format li jkollhom jintużaw għall-għoti ta' informazzjoni statistika lill-Kummissjoni. ■ Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati b'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁴.

¹⁴ Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

(37) Sabiex tittiejeb is-sitwazzjoni attwali fejn hemm aċċess limitat għal informazzjoni statistika u hemm disponibbli biss xi indikazzjonijiet dwar l-ammonti ta' flus kontanti li t-trasport tagħhom bil-kuntrabandu mill-kriminali jaqsam il-fruntieri esterni tal-Unjoni, jenħtieġ li tiġi introdotta kooperazzjoni aktar effettiva permezz ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Kummissjoni. Biex ikun garantit li dan l-iskambju ta' informazzjoni jkun effettiv u effiċjenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina jekk is-sistema stabbilita taqdux l-iskop jew jekk hemmx ostakli għal skambju ta' informazzjoni f'waqt u dirett. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-Kummissjoni tippubblika informazzjoni statistika fuq is-sit web tagħha.

- (38) Sabiex tkun tista' rapidament tieġu kont ta' modifiki futuri fl-istandards internazzjonali, bħal standards stabbiliti mil-FATF jew sabiex tiġi indirizzata l-evażjoni ta' dan ir-Regolament billi wieħed jistrieħ fuq il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur jew **fuq il-kards bi ħlas antiċipat**, jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti, skont l-Artikolu 290 tat-TFUE fir-rigward ta' emendi **għall-Anness I ta' dan ir-Regolament**. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni jkollha konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol tagħha ta' thejġija, ukoll fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet¹⁵. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-thejġija ta' atti delegati, **jenħtieġ li** l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u **jenħtieġ li** l-esperti tagħhom **ikollhom** aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-thejġija ta' atti delegati.

¹⁵ **ĠUL 123, 12.5.2016, p. 1.**

- (39) Minħabba li l-għanijiet ta' dan ir-Regolament ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda pjuttost jistgħu, minħabba l-iskala transnazzjonali tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u l-ispeċifitàjiet tas-suq intern u l-libertajiet fundamentali tiegħu, li jistgħu jiġu implimentati għalkollox biss billi jiġi żgurat li ma jiġi impost l-ebda trattament eċċessivament differenti abbażi ta' leġislazzjoni nazzjonali dwar flus kontanti li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Unjoni, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.

- (40) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fl-Artikolu 6 tat-TUE u riflessi fil-Karta , b'mod partikolari fit-Titolu II tagħha.
- (41) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat b'konformità mal-Artikolu 28(2) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ■ ,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jipprevedi sistema ta' kontrolli fir-rigward ta' flus kontanti deġlin **fl-Unjoni** jew heġin mill-Unjoni biex jikkomplementa l-qafas legali għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu stabbilit fid-Direttiva (UE) 2015/849.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:
 - (a) "flus kontanti" tfisser:
 - (i) munita;
 - (ii) l-istrumenti negozjabbli għall-portatur ■ ;
 - (iii) il-komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur ■ ;
 - (iv) il-kards bi ħlas antiċipat ■ ;

- (b) "deġlin **fl-Unjoni** jew heġin mill-Unjoni" tfisser ġejjin minn territorju li huwa barra t-territorju kopert mill-Artikolu 355 tat-TFUE lejn it-territorju li huwa kopert minn dak l-Artikolu, jew heġin mit-**territorju** kopert minn dak l-Artikolu ;
- (c) "munita" tfisser karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju jew li kienu fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju u li għadu possibbli li jiġu skambjati, permezz ta' istituzzjonijiet finanzjarji jew banek ċentrali, għal karti tal-flus u muniti li huma fiċ-ċirkolazzjoni bħala mezz ta' skambju;
- (d) "**strumenti** negozjabbli għall-portatur" tfisser **strumenti** li **mhumiex** munita, li jagħtu d-dritt lid-detenturi **tagħhom** li jitolbu ammont finanzjarju meta jippreżentaw l-istrumenti, mingħajr ma jkollhom bżonn jagħtu prova tal-identità tagħhom jew jagħtu prova li huma intitolati għal dak l-ammont. **Dawk l-istrumenti huma:**
- (i) **traveller's cheques; u**

- (ii) *ċekkijiet, promissory notes jew money orders li huma jew f'forma għall-portatur, iffirmati iżda mingħajr isem ir-riċevitur , iffirmati mingħajr restrizzjoni, indirizzati lil riċevitur fittizju, jew inkella f'tali forma li t-titoli tagħhom jiġu ttrasferiti mal-għoti tagħhom;*
- (e) "komodità li tintuża bħala ħażna likwida ħafna ta' valur" tfisser oġġett, kif elenkat fil-punt 1 tal-Anness I, li għandu proporzjon kbir bejn il-valur tiegħu u l-volum tiegħu u li jista' jinbidel f'munita faċilment permezz tas-swieq tan-negozjar aċċessibbli filwaqt li joħloq biss spejjeż tat-tranżazzjoni żgħar;
- (f) "kard bi h̄las antiċipat" tfisser kard mhux nominattiva, kif elenkat fil-punt 2 tal-Anness I, li taħżen *jew tipprovd i aċċess għal* valur monetarju jew fondi li jistgħu jintużaw fi tranżazzjonijiet ta' h̄las, fl-akkwist ta' oġġetti jew servizzi jew għat-tifdija ta' munita fejn tali kard mhijiex marbuta ma' kont bankarju;
- (g) "awtoritajiet kompetenti" tfisser l-awtoritajiet tad-dwana tal-Istati Membri *u* kull awtorità oħra li tingħata s-setgħa mill-Istati Membri biex tapplika dan ir-Regolament;

- (h) *"portatur" tfisser kwalunkwe persuna fiżika li tidħol fl-Unjoni jew toħroġ mill-Unjoni u għorr flus kontanti fuq il-persuna tagħha, fil-bagalja tagħha jew fil-mezz ta' trasport tagħha;*
- (i) "flus kontanti mhux akkumpanjati" tfisser flus kontanti li jagħmlu parti minn konsenja *mingħajr portatur*;
- (j) "attività kriminali" tfisser kwalunkwe attività elenkata fil-punt (4) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva (UE) 2015/849;
- (k) "Unità tal-Intelligence Finanzjarja (FIU)" tfisser l-entità stabbilita fi Stat Membru għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-Artikolu 32 tad-Direttiva (UE) 2015/849.

2. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 15 ta' dan ir-Regolament biex jiġi emendat l-Anness I għal dan ir-Regolament biex jitqiesu x-xejriet ġodda tal-ħasil tal-flus, kif definit fl-Artikolu 1(3) u (4) tad-Direttiva (UE) 2015/849, jew tal-finanzjament tat-terroriżmu, kif definit fl-Artikolu 1(5) ta' dik id-Direttiva, jew biex jitqiesu l-aħjar prattiki għall-prevenzjoni tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu jew biex jiġi prevenut l-użu minn persuni kriminali ta' **█** komoditajiet li jintużaw bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur **u** ta' kards bi ħlas antiċipat biex jevadu l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

L-obbligu tad-dikjarazzjoni *ta' flus kontanti akkumpanjati*

1. ***Il-portaturi*** li ***jġorru*** flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew aktar ***għandhom jiddikjaraw*** dawk il-flus kontanti lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li minnu jkunu deklin fl-Unjoni jew heġin mill-Unjoni u ***jagħtuhom*** aċċess għalihom għall-finijiet ta' kontroll. L-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti ma għandux jittqies li jkun issodisfat jekk l-informazzjoni li tingħata ma tkunx korretta jew sħiħa jew jekk ma ***jingħatax*** aċċess għall-flus kontanti għall-finijiet ta' kontroll.
2. Id-dikjarazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tagħti dettalji dwar dawn li ġejjin:
 - (a) ***il-portatur***, inklużi l-isem sħiħ, ***id-dettalji ta' kuntatt***, ***inkluż l-indirizz***, id-data u l-post tat-twelid, ***in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni***;

- (b) sid il-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, ***id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz***, id-data u l-post tat-twelid, **█ *in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni fejn is-sid ikun persuna fiżika, jew l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT), fejn is-sid ikun persuna ġuridika;***
- (c) ***jekk ikun disponibbli, ir-riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, id-data u l-post tat-twelid, █ in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni, fejn ir-riċevitur intenzjonat ikun persuna fiżika, jew l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, fejn ir-riċevitur intenzjonat ikun persuna ġuridika;***

(d) *in-natura* u l-ammont *jew il-valur* tal-flus kontanti;

(e) il-provenjenza *ekonomika* tal-flus kontanti;

(f) *l-użu intenzjonat tal-flus kontanti*;

(g) ir-rotta tat-trasport; u

(h) il-mezz tat-trasport.

3. Id-dettalji elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu pprovduti bil-miktub jew b'mod elettroniku, permezz tal-formola ta' dikjarazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1). Meta tintalab, għandha tingħata kopja approvata tad-dikjarazzjoni lid-dikjarant.

Artikolu 4

Obbligu ta' divulgazzjoni *ta' flus kontanti mhux akkumpanjati*

1. Fejn flus kontanti ta' valur ta' EUR 10 000 jew aktar ikunu deġlin ***fl-Unjoni*** jew heġin mill-Unjoni mhux akkumpanjati, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri li minnu jkunu deġlin ***fl-Unjoni*** jew heġin mill-Unjoni l-flus kontanti jistgħu ■ jeżiġu li l-ispeditur jew ir-riċevitur tal-flus kontanti, jew rappreżentant tagħhom, ***skont il-każ***, jagħmlu dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni ***f'perjodu ta' skadenza ta' 30 jum. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżommu l-flus kontanti sa meta l-ispeditur jew ir-riċevitur, jew rappreżentant tagħhom, jagħmlu d-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni.*** L-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati ma għandux jitqies li jkun issodisfat ***jekk id-dikjarazzjoni ma ssirx qabel l-għeluq tal-iskadenza***, jekk l-informazzjoni li tingħata ma tkunx korretta jew sħiħa, jew jekk ma ***jingħatax*** aċċess għall-flus kontanti għall-finijiet ta' kontroll.
2. Id-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni għandha tagħti dettalji dwar dawn li ġejjin:
 - (a) id-dikjarant, inklużi l-isem sħiħ, ***id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz***, id-data u l-post tat-twelid, ■ ***in-nazzjonalità u n-numru ta' dokument ta' identifikazzjoni***;

- (b) sid il-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, *id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz*, id-data u l-post tat-twelid, **█** *in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni, fejn is-sid ikun persuna fiżika, jew l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, fejn is-sid ikun persuna ġuridika;*
- (c) l-ispeditur tal-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, *id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz*, id-data u l-post tat-twelid, **█** *in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni, fejn l-ispeditur ikun persuna fiżika, jew l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, fejn l-ispeditur ikun persuna ġuridika;*
- (d) ir-riċevitur jew ir-riċevitur intenzjonat tal-flus kontanti, inklużi l-isem sħiħ, *id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz*, id-data u l-post tat-twelid, **█** *in-nazzjonalità u n-numru tad-dokument ta' identifikazzjoni, fejn ir-riċevitur jew ir-riċevitur intenzjonat ikun persuna fiżika, jew l-isem sħiħ, id-dettalji ta' kuntatt, inkluż l-indirizz, in-numru ta' reġistrazzjoni u, jekk ikun disponibbli, in-numru ta' identifikazzjoni tal-VAT, fejn ir-riċevitur jew ir-riċevitur intenzjonat ikun persuna ġuridika;*

(e) *in-natura u* l-ammont *jew il-valur* tal-flus kontanti;

(f) il-provenjenza *ekonomika* tal-flus kontanti; u

(g) *l-użu intenzjonat tal-flus kontanti.*

3. Id-dettalji elenkati fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu pprovduti bil-miktub jew b'mod elettroniku, permezz tal-formola ta' divulgazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 16(1). Meta tintalab, għandha tingħata kopja approvata tad-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni lid-dikjarant.

Artikolu 5

Setgħat tal-awtoritajiet kompetenti

1. Sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 3, l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jwettqu kontrolli fuq persuni fiżiċi, il-bagalji tagħhom u l-mezzi tat-trasport tagħhom, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali.
2. Għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom is-setgħa li jwettqu kontrolli fuq kwalunkwe konsenja, reċipjent jew mezz tat-trasport li fihom jista' jkun hemm flus kontanti mhux akkumpanjati, f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali.

3. Jekk ma jkunx ġie ssodisfat l-obbligu ***tad-dikjarazzjoni*** ta' flus kontanti akkumpanjati taħt l-Artikolu 3 jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati taħt l-Artikolu 4, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ifasslu, bil-miktub jew f'forma elettronika, dikjarazzjoni *ex officio* li għandha tinkludi safejn possibbli d-dettalji elenkati fl-Artikolu 3(2) jew 4(2), skont il-każ.
4. Il-kontrolli għandhom ikunu bbażati primarjament fuq analiżi tar-riskju, bil-għan li jiġu identifikati u evalwati r-riskji u li jiġu żviluppati l-kontromiżuri meħtieġa, u għandhom jitwettqu fil-kuntest ta' qafas komuni tal-ġestjoni tar-riskju konformi mal-kriterji msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 16(1) ***li għandu jqis ukoll il-valutazzjoni tar-riskju stabbilita mill-Kummissjoni u mill-FIUs taħt id-Direttiva (UE) 2015/849.***
5. Għall-finijiet ***tal-Artikolu 6, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ukoll jeżerċitaw is-setgħat mogħtija lilhom taħt dan l-Artikolu.***

Artikolu 6

Ammonti taħt il-livell limitu *ssuspettati li jkunu relatati ma' attivita kriminali*

1. Fejn l-awtoritajiet kompetenti jidentifikaw **█ portatur** b'ammont ta' flus kontanti taħt il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 3 u **█** jaraw indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma marbutin ma' attivita kriminali, huma għandhom jirreġistraw dik l-informazzjoni ***u d-dettalji elenkati fl-Artikolu 3(2)***.
2. Fejn l-awtoritajiet kompetenti ***jsibu*** li **█** flus kontanti mhux akkumpanjati **█** taħt il-livell limitu msemmi fl-Artikolu 4 jkunu deħlin ***fl-Unjoni*** jew ħerġin mill-Unjoni u li **█** hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti huma marbutin ma' attivita kriminali, huma għandhom jirreġistraw dik l-informazzjoni ***u d-dettalji elenkati fl-Artikolu 4(2)***.

Artikolu 7

Żamma temporanja ta' flus kontanti mill-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jżommu l-flus kontanti temporanjament permezz ta' deċiżjoni amministrattiva skont il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-liġi nazzjonali fejn:
 - (a) l-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati taħt l-Artikolu 3 jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati taħt l-Artikolu 4 ma jgħix issodisfat; jew
 - (b) ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus *kontanti, irrispettivament mill-ammont, ikunu* marbutin ma' attività kriminali .

2. Id-deċiżjoni amministrattiva msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun *suġġetta għal rimedju effettiv skont il-proċeduri* previsti fil-liġi nazzjonali. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw *dikjarazzjoni tar-raġunijiet għad-deċiżjoni amministrattiva lil:*
 - (a) *il-persuna li għandha l-obbligu li tagħmel id-dikjarazzjoni skont l-Artikolu 3 jew id-dikjarazzjoni ta' divulgazzjoni skont l-Artikolu 4; jew*
 - (b) *il-persuna li għandha l-obbligu li tipprovdi l-informazzjoni skont l-Artikolu 6(1) jew (2).*

3. Il-perjodu ta' żamma temporanja għandu jkun limitat strettament **taħt il-liġi nazzjonali** għaż-żmien meħtieġ biex l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw jekk iċ-ċirkostanzi tal-każ jiġġustifikawx żamma itwal. Il-perjodu ■ ta' żamma temporanja ■ **ma għandux** jeċċedi 30 jum. **Wara li l-awtoritajiet kompetenti jwettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' żamma temporanja itwal, huma jistgħu jiddeċiedu li jestendu l-perjodu ta' żamma temporanja sa massimu ta' 90 jum.**

Fejn ma tiġix iddeterminata żamma itwal tal-flus kontanti f'dak il-perjodu, jew jekk jiġi ddeterminat li iċ-ċirkostanzi tal-każ ma jiġġustifikawx żamma itwal, il-flus kontanti għandhom **jiġu** minnufih rilaxxati lil:

- (a) **il-persuna li lilha jkun nżammewlha temporanjament il-flus kontanti fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 3 jew 4; jew**
- (b) **il-persuna li lilha jkun nżammewlha temporanjament il-flus kontanti fis-sitwazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 6(1) jew (2).**

Artikolu 8

Kampanji ta' informazzjoni

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni deħlin fl-Unjoni jew ħerġin mill-Unjoni jew il-persuni li jibagħtu flus kontanti mhux akkumpanjati mill-Unjoni jew li jirċievu flus kontanti mhux akkumpanjati fl-Unjoni jiġu infurmati dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom taħt dan ir-Regolament u għandhom, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, jiżviluppaw materjal xieraq immirat lejn dawk il-persuni.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni biżżejjed fondi għal dawn il-kampanji ta' informazzjoni.

Artikolu 9

Għoti ta' informazzjoni lill-FIU

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirreġistraw l-informazzjoni miksuba taħt l-Artikolu 3 jew 4, l-Artikolu 5(3) jew l-Artikolu 6 u jittrażmettuha lill-FIU tal-Istat Membru fejn tkun inkisbet, f'konformità mar-regoli tekniċi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 16(1).
2. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-FIU tal-Istat Membru inkwistjoni taqsam tali informazzjoni mal-FIUs rilevanti tal-Istati Membri l-oħra skont l-Artikolu 53(1) tad-Direttiva (UE) 2015/849.***
3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jittrażmettu l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 malajr kemm jista' jkun, u f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn ***15-il ġurnata tax-xogħol*** wara d-data li fiha tkun inkisbet l-informazzjoni.

Artikolu 10

Skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-Kummissjoni

1. L-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru għandha, permezz ta' mezzi elettroniċi, tittrażmetti l-informazzjoni li ġejja lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri l-oħra kollha:
 - (a) id-dikjarazzjonijiet *ex officio* mfassla taħt l-Artikolu 5(3);
 - (b) l-informazzjoni li tinkiseb taħt l-Artikolu 6;
 - (c) id-dikjarazzjonijiet li jinkisbu taħt l-Artikolu 3 jew 4, fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu marbutin ma' xi attività kriminali;
 - (d) l-informazzjoni anonimizzata dwar riskji u r-riżultati tal-analiżi tar-riskju.
2. Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu marbutin ma' attività kriminali li tista' taffettwa ħażin l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi trażmessa wkoll lill-Kummissjoni, ***lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew - mill-Istati Membri li jipparteċipaw fil-kooperazzjoni msaħħa taħt ir-Regolament (UE) Nru 2017/1939 u fejn għandu l-kompetenza li jaġixxi taħt l-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament, u lill-Europol fejn għandha l-kompetenza li taġixxi taħt l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2016/794.***

3. L-awtorità kompetenti għandha tittrażmetti l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 f'konformità mar-regoli tekniċi msemmija fil-punt (c) tal-Artikolu 16(1) u permezz tal-formola msemmija fil-punt (d) tal-Artikolu 16(1).
4. L-informazzjoni msemmija fil-punti *(a), (b) u (c)* tal-paragrafu 1 u fil-paragrafu 2 għandha tiġi trażmessa malajr kemm jista' jkun u f'kwalunkwe każ mhux aktar tard minn **15-il ġurnata tax-xogħol** wara d-data li fiha tkun inkisbet dik l-informazzjoni.
5. ***L-informazzjoni u r-riżultati msemmija fil-punt (d) tal-paragrafu 1 għandhom jiġu trażmessi kull sitt xhur.***

Artikolu 11

Skambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. ***Għall-fini ta' dan ir-Regolament***, l-Istati Membri jew il-Kummissjoni jistgħu, fil-qafas tal-assistenza amministrattiva reċiproka, jittrażmettu l-informazzjoni li ġejja lil pajjiż terz, suġġett għall-awtorizzazzjoni ***bil-miktub*** tal-awtorità kompetenti li tkun kisbet l-informazzjoni ***oriġinarjament***, ■ sakemm tali trażmissjoni tikkonforma mal-liġi rilevanti, kemm nazzjonali kif ukoll tal-Unjoni, dwar it-trasferiment ta' data personali lil pajjiżi terzi:
 - (a) id-dikjarazzjonijiet *ex officio* mfassla taħt l-Artikolu 5(3);
 - (b) l-informazzjoni li tinkiseb taħt l-Artikolu 6;
 - (c) id-dikjarazzjonijiet li jinkisbu taħt l-Artikolu 3 jew 4, fejn ikun hemm indikazzjonijiet li l-flus kontanti jkunu marbutin mal-ħasil tal-flus jew mal-finanzjament tat-terroriżmu.
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe trażmissjoni ta' informazzjoni skont il-paragrafu 1.

Artikolu 12

Segretezza professjonali u kunfidenzjalità u sigurtà tad-data

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw is-sigurtà tad-data miksuba skont l-Artikoli 3 u 4, l-Artikolu **5(3)** u l-Artikolu 6.
2. L-informazzjoni kollha **miksuba** mill-awtoritajiet kompetenti għandha tkun koperta mill-obbligu tas-segretezza professjonali.

Artikolu 13

Protezzjoni u perjodi ta' żamma tad-data personali

1. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaġixxu b'halha kontrolluri tad-data personali li jiksibu taħt l-Artikoli 3 u 4, l-Artikolu **5(3)** u l-Artikolu 6.
2. L-ipproċessar tad-data personali abbażi ta' dan ir-Regolament għandu jsir biss għal skopijiet ta' prevenzjoni tal-attivitajiet kriminali u biex dawn jiġu miġġielda.
3. Id-data personali li tinkiseb taħt l-Artikoli 3 u 4, l-Artikolu **5(3)** u l-Artikolu 6 għandha tiġi aċċessata biss mill-persunal tal-awtoritajiet kompetenti, awtorizzat kif xieraq, u għandha tkun protetta b'mod adegwat kontra l-aċċess jew it-trażmissjoni mhux awtorizzati. Sakemm mhuwiex previst mod ieħor fl-Artikoli 9, 10 u 11, id-data ma tistax tiġi divulgata jew trażmessa mingħajr l-awtorizzazzjoni espressa tal-awtorità kompetenti li tkun kisbitha oriġinarjament. Madankollu, dik l-awtorizzazzjoni ma għandhiex tkun meħtieġa fejn ikun meħtieġ mill-awtoritajiet kompetenti li jiddivulgaw jew jittrażmettu dik id-data skont il-liġi nazzjonali tal-Istat Membru inkwistjoni, b'mod partikolari b'rabta ma' proċedimenti legali.

4. *L-awtoritajiet kompetenti u l-FIU għandhom jażnu d-data personali miksuba taħt l-Artikoli 3 u 4, l-Artikolu 5(3) u l-Artikolu 6 għal perjodu ta' ħames snin minn meta tkun inkisbet id-data [] . Id-data personali għandha titħassar [] meta dak il-perjodu jiskadi.*
5. *Il-perjodu ta' żamma jista' jiġi estiż darba b'perjodu ieħor li ma għandux jaqbeż tliet snin oħra jekk:*
- (a) *wara li tkun wettqet valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' tali żamma itwal u tqisha ġustifikata għat-twettiq tal-kompiti tagħha fir-rigward tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, l-FIU tiddetermina li tenħtieġ żamma itwal; jew*
- (b) *wara li jkunu wettqu valutazzjoni bir-reqqa tal-ħtieġa u l-proporzjonalità ta' tali żamma itwal u jqisuha ġustifikata għat-twettiq tal-kompiti tagħhom fir-rigward ta' kontrolli effettivi b'rabta mal-obbligu ta' dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati kif stabbilit jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati, l-awtoritajiet kompetenti jiddeterminaw li tenħtieġ żamma itwal.*

Artikolu 14

Penali

Kull Stat Membru għandu jintroduċi penali li għandhom japplikaw fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligu tad-dikjarazzjoni ta' flus kontanti akkumpanjati stabbilit fl-Artikolu 3 ***jew l-obbligu tad-divulgazzjoni ta' flus kontanti mhux akkumpanjati*** stabbilit fl-Artikolu 4. Tali penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 15

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 2(2) hija mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat minn ...[id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan l-att leġislattiv bażiku].
3. Id-delega ta' setgħa msemmija fl-Artikolu 2(2) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. M'għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti nnominati minn kull Stat Membru skont il-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet.
5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
6. Att delegat adottat skont l-Artikolu 2(2) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrinjoġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Artikolu 16

Atti ta' implimentazzjoni

- 1.** Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, il-miżuri li ġejjin biex tiżgura l-applikazzjoni uniformi ta' kontrolli minn awtoritajiet kompetenti:
- (a) il-mudelli għall-formola ta' dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) u għall-formola ta' divulgazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(3);
 - (b) il-kriterji għall-qafas komuni tal-ġestjoni tar-riskju msemmi fl-Artikolu 5(4) **u, aktar speċifikament, il-kriterji ta' riskju, l-istandards, u ż-żoni ta' kontroll prijoritarji, abbażi tal-informazzjoni skambjata skont il-punt (d) tal-Artikolu 10(1), u l-politiki u l-aħjar Prattika tal-Unjoni u internazzjonali;**
 - (c) ir-regoli tekniċi għall-iskambju **effettiv** ta' informazzjoni taħt l-Artikolu 9(1) u (3) u l-Artikolu 10 ta' dan ir-Regolament **permezz tas-CIS stabbilita mill-Artikolu 23 tar-Regolament (KE) Nru 515/97;**

- (d) il-mudell għall-formola għat-trażmissjoni ta' informazzjoni msemija fl-Artikolu 10(3); u
 - (e) ir-regoli u l-format li għandhom jintużaw mill-Istati Membri biex jipprovdu, skont l-Artikolu 18, lill-Kummissjoni b'informazzjoni statistika anonima dwar id-dikjarazzjonijiet u l-każijiet ta' ksur.
2. L-atti ta' implimentazzjoni msemija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 17(2).

Artikolu 17

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meħjuna minn Kumitat ta' Kontroll fuq il-Flus Kontanti. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Artikolu 18

Trażmissjoni ta' informazzjoni relatata mal-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament

1. Sa...[sitt xhur wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament], l-Istati Membri għandhom jittrażmettu dawn li ġejjin lill-Kummissjoni:
 - (a) il-lista tal-awtoritajiet kompetenti;
 - (b) id-dettalji tal-penali introdotti skont l-Artikolu 14;
 - (c) l-informazzjoni statistika anonimizzata rigward dikjarazzjonijiet, kontrolli u ksur, permezz tal-format imsemmi fil-punt (e) tal-Artikolu 16(1).
2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe tibdil sussegwenti fl-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 1 mhux aktar tard minn xahar wara li dak it-tibdil ikun daħal fis-seħħ.

L-informazzjoni msemmija fil-punt (c) tal-paragrafu 1 għandha tiġi pprovduta lill-Kummissjoni mill-inqas kull sitt xhur.

■

3. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Istati Membri l-oħra kollha l-informazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu 1 u kwalunkwe tibdil sussegwenti f'dik l-informazzjoni skont il-paragrafu 2.
4. ***Kull sena, il-Kummissjoni għandha tippubblika fis-sit web tagħha l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (c) tal-paragrafu 1 u kwalunkwe tibdil sussegwenti f'dik l-informazzjoni skont il-paragrafu 2 u għandha tinforma lill-utenti, b'mod ċar, dwar il-kontrolli fir-rigward tal-flus kontanti deħlin fl-Unjoni jew heġġin mill-Unjoni.***

Artikolu 19
Evalwazzjoni

1. Sa...[tliet snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem, il-Kummissjoni għandha, ***abbażi tal-informazzjoni li tirċievi regolarment mingħand l-Istati Membri***, tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu, b'mod partikolari, jevalwa jekk:

- (a) ***fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhomx jiġu inklużi assi oħra;***
- (b) ***il-proċedura tad-divulgazzjoni għal flus kontanti mhux akkumpanjati hijiex effettiva;***

- (c) il-livell limitu għal flus kontanti mhux akkumpanjati għandux jiġi rivedut;*
- (d) il-flussi ta' informazzjoni skont l-Artikoli 9 u 10 u l-użu tas-CIS, b'mod partikolari, humiex effettivi għall-iskop jew jekk hemmx ostakli għall-iskambju f'waqtu u dirett ta' informazzjoni kompatibbli u komparabbli bejn l-awtoritajiet kompetenti u mal-FIUs; u*
- (e) il-penali introdotti mill-Istati Membri humiex effettivi, proporzjonati u dissważivi u jaqblux mal-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u jekk għandhomx effett deterrenti ekwivalenti mal-Unjoni kollha fuq il-ksur ta' dan ir-Regolament.*

2. Ir-rapport imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jinkludi, fejn disponibbli:

- (a) kompilazzjoni ta' informazzjoni riċevuta mingħand l-Istati Membri dwar flus kontanti relatati ma' attivitajiet kriminali li jaffettwaw b'mod negattiv l-interessi finanzjarji tal-Unjoni; u*
- (b) informazzjoni dwar l-iskambju ta' informazzjoni ma' pajjiżi terzi.*

Artikolu 20

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 1889/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005 huwa mħassar.

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftiehm u bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

Artikolu 21

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

***Għandu japplika minn ... [30 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].
Madankollu, l-Artikolu 16 għandu japplika minn ... [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].***

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi ...,

Għall-Parlament Ewropew

Għall-Kunsill

Il-President

Il-President

ANNEX I

Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur u kards bi ħlas antiċipat li huma kkunsidrati flus kontanti skont il-punt (a) (iii) u (iv) tal-Artikolu 2(1)

1. Komoditajiet użati bħala ħażniet likwidi ħafna ta' valur:
 - (a) muniti b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 90 %; u
 - (b) metall ta' valur bħal lingotti, biċċiet u ċapep b'kontenut ta' deheb ta' mill-inqas 99,5 %.
2. Kards bi ħlas antiċipat: P.M.

ANNEX II

Tabella ta' korrelazzjoni

Ir-Regolament (KE) Nru 1889/2005	Dan ir-Regolament
Artikolu 1	Artikolu 1
Artikolu 2	Artikolu 2
Artikolu 3	Artikolu 3
-	Artikolu 4
Artikolu 4(1)	Artikolu 5
Artikolu 5(2)	Artikolu 6
Artikolu 4(2)	Artikolu 7
-	Artikolu 8
Artikolu 5(1)	Artikolu 9
Artikolu 6	Artikolu 10
Artikolu 7	Artikolu 11
Artikolu 8	Artikolu 12

-	Artikolu 13
Artikolu 12	Artikolu 14
-	Artikolu 15
-	Artikolu 16
-	Artikolu 17
-	Artikolu 18
Artikolu 10	Artikolu 19
-	Artikolu 20
Artikolu 11	Artikolu 21
-	Anness I
-	Anness II
